

Għad irridu naqdfu

Bħala destinazzjoni turistika, il-gżejjer jiġu biss wara l-ibliet storiċi fejn għandha x'taqsam il-popolarità. Forsi hu minħabba f'hekk li l-prospetti tax-xogħol fl-industrija tat-turiżmu għaż-żgħażaġh li jgħixu fil-gżejjer Stati ta' l-Unjoni Ewropea jistgħu jitqiesu bħala promettenti.

It-turiżmu huwa marbut ma' kważi kull professjoni li teżisti. Semmi professjoni u l-probabbiltà hi li jkun hemm postha fl-industrija tat-turiżmu. Darba, it-turiżmu kien meqjus bħala attività li tinvolvi ftit lukandiera sinjuri u xi negozjanti. Illum, it-turiżmu sar industrija li tinvolvi ħafna setturi oħra tas-soċjetà. Il-bdiewa jipprovdu l-ikel għal-lukandi. Il-kantanti, il-mużiċisti u d-disinjaturi kreattivi jistgħu jiggwadanjaw ħafna minn dan is-settur. It-Teknoloġija ta' l-Infommazzjoni llum hija kruċjali biex tgħin lill-industrija tat-turiżmu tikkompeti b'suċċess. Il-parti l-kbira tal-kumpleksi turistiċi għandhom il-websajt tagħhom. Bl-Internet dawn ikunu jistgħu jikkomunikaw ma' kliġenti potenzjali mijiet ta' kilometri 'l bogħod. Għalhekk, dawk interessati fl-IT jistgħu wkoll isibu impjeg fl-industrija tat-turiżmu.

Madankollu, kelma ta' twissija: mhux kull ma jleqq deheb. Għalkemm it-turiżmu huwa identifikat bħala settur ta' tkabbir fil-gżejjer żgħar li huma Stati Membri ta' l-UE, dawn il-gżejjer għandhom it-tendenza li jkunu ekoloġikament fraġli. Barra dan, il-gżejjer Stati ż-żgħar għandhom mhux jikkompetu fejn jidħlu l-prezzijiet u jidher li qed jaqgħu lura fuq is-suq turistiku globali. Ma jfissirx li għax il-biljetti ta' l-ajru qed jinbiegħu bħall-pastizzi, pajjiż żgħir bħal Malta solva l-problemi kollha relatati mat-turiżmu!

Meta jiġi kkunsidrat dan, l-UE trid tqis il-problemi partikolari li l-gżejjer iż-żgħar Stati Membri tagħha jridu jħabbtu wiċċhom magħhom fis-settur tat-turiżmu. B'hekk biss jistgħu ċ-ċittadini żgħażaġh verament ikollhom opportunità ta' xogħol ta' kwalità f'dan is-settur.